MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Numru 304/2006

**PULIZIJA**
**SUPERINTENDENT CARMELO BARTOLO**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**VS**
**RICHARD EDWARDS**
**MATTHEW CATANIA**
**CHRISTOPHER PACE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Richard Edwards ta’ 29 sena, iben Anthony u Diane nee’ O’Donnell, imwieled l-Ingilterra, nhar is-7 ta’ Frar 1977, residenti Block 17, Door B, Flat 8, Misrah Awrikarja, San Gwann u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 289191(M). Metthew Catania ta’ 21 sena, iben Lawrence u Joanne nee’ Zarb, imwieled Pieta’, nhar it-3 ta’ Awissu 1984, residenti Block A, Flat 9 Triq il-Hawha, San Gwann u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 373884(M).

Christopher Pace ta' 20 sena, iben Charmel u Joyce nee' Bugeja, iwmieled Pieta' nhar id-19 ta' Mejju 1985, residenti Block A, Flat 2, Triq il-Hawha, San Gwann u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 331485(M).

Illi huma akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta' Marzu 2006, u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) F'Hal Luqa, nhar il-4 ta' Marzu 2006, f'xi hin bejn in-00:30 ta' filghodu u t-8:00 ta' filghodu, ikkommettew serq ta' flus ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin, kif ukoll bil-vjolenza numerika, minn "Magri Petrol Station," liema serq sar ghad-detriment ta' Leonard Magri minn Hal-Luqa u/jew persuni ohra;
b) U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta' Leonard Magri minn Hal-Luqa, u/jew persuni ohra;
c) Kif ukoll, f'Hal Qormi, matul il-lejl ta' bejn it-3 ta' Marzu 2006 u l-4 ta' Marzu 2006, ikkommettew serq ta' flus ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin, kif ukoll bil-vjolenza numerika, minn "Mike's Petrol Station," liema serq sar ghad-detriment ta' Alfred Gauci minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;
d) U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta' Alfred Gauci minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;
e) U aktar talli f'Hal-Qormi, matul il-lejl ta' bejn it-3 ta' Marzu 2006 u l-4 ta' Marzu 2006, bil-hsieb li jikkomettu delitt u cioe' serq minn "Saliba Petrol Station," ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, hin, mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, ghad-detriment ta' Jesmond Saliba minn Hal-Qormi, urew dan il-hsieb b'atti esterni, u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma

giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom;

f) Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija, saret ghad-detriment ta' Jesmond Saliba u/jew persuni ohra;

g) Kif ukoll, fil-Mosta, nhar is-6 ta' Marzu 2006, ghal habta ta' 1:54 ta' filghodu, ikkommettew serq ta' flus ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bil-vjolenza numerika, minn "Autofill Petrol Station," liema serq sar ghad-detriment ta' Raymond Baldwin minn Naxxar u/jew persuni ohra;

h) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta' Raymond Baldwin minn Naxxar u/jew persuni ohra;

i) Kif ukoll, fil-Gzira, f'xi hin matul il-lejl ta' bejn is-16 ta' Marzu 2006 u s-17 ta' Marzu 2006, ikkommettew serq ta' flus ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bil-vjolenza numerika, minn "Falcon Service Station,", liema serq sar ghad-detriment ta' Simon Giordmaina mill-Gzira u/jew persuni ohra;

j) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta' Simon Giordmaina mill-Gzira u/jew persuni ohra;

k) Kif ukoll, f'Hal-Qormi, f'xi hin matul il-lejl ta' bejn id-19 ta' Marzu 2006 u l-20 ta' Marzu 2006, ikkommettew serq ta' flus ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bil-vjolenza numerika, minn "Mike's Petrol Station," liema serq sar ghad-detriment ta' Saviour Gauci minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;

l) U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-

detriment ta’ Saviour Gauci minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;
m) U aktar talli f’Haz-Zebbug, matul il-lejl ta’ bejn il-25 ta’ Marzu 2006 u s-26 ta’ Marzu 2006, bil-hsieb li jikkomettu delitt u cioe serq minn “Automarket Service Station,” ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija ghad-detriment ta’ Joseph Falzon minn Hal-Ghaxaq u/jew persuni ohra, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom;
n) Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharruq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta’ Joseph Falzon minn Hal-Ghaxaq u.jew persuni ohra;

**U aktar lil Richard Edwards u lil Matthew Catania akkuzati wahedhom:**

a) Fil-Mellieha, f’xi hin bejn il-11 ta’ Frar 2006 u t-13 ta’ Frar 2006, ikkommettew serq ta’ flus minn “Santa Marija Petrol Station” ikkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija, liema serq sar ghad-detriment ta’ Oscar Farrugia mill-Qrendi, u/jew persuni ohra;
b) Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharruq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta’ Oscar Farrugia mill-Qrendi, u/jew persuni ohra;
c) U aktar talli, fiz-Zejtun, nhar it-13 ta’ Frar 2006, ghal habta tas-1:15 ta’ filghodu ikkommettew serq ta’ flus minn “F.Busuttil Service Station,” ikkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, liema serq sar ghad-detriment ta’ Adrian Busuttil minn Marsaskala, u/jew persuni ohra;
d) Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta

ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta' Adrian Busuttil minn Marsaskala, u/jew persuni ohra;

**U aktar lil Richard Edwards akkuzat wahdu:**

Talli matul il-perijodu ta' bejn is-26 ta' Marzu 2006, u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta reati matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, meta b'sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, li saret definittiva u ma tistghax tinbidel, kien gie kkundannat ghal perijodu ta' sentejn prigunerija liema sentenza kienet giet sospiza ghal perjodu ta' erba' snin;

Kif ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**U fl-ahharnett, lil Christopher Pace u Matthew Catania akkuzati wahedhom:**

Talli rrendew ruhhom recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstabu hatja b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.470 sa fol.471) fejn il-Qorti tista' ssib htija fl-imputati;

Rat il-verbal datat 23 ta' Mejju, 2008, fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni illi jigu gudikati minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat Christopher Pace u ta' Matthew Catania fil-verbal datat 18 ta' April 2007 (a fol.385 u fol.386);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputati Christopher Pace u Matthew Catania zmien ragonevoli ghal ripensament (ara fol.446);

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat Richard Edwards fil-verbal datat 25 ta' Frar 2010 (a fol.500);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni (fil-verbal datat 25 ta' Frar 2010) wara li l-Qorti akkordat lill-imputat Richard Edwards zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datat 8 ta' Lulju 2009;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza tikkonsisti f'sensiela ta' serq minn diversi pompi tal-petrol minn diversi nhawi ta' Malta fuq medda ta' xaharejn, cioe Frar u Marzu 2006 u l-konsegwenti hsara volontarja fuq l-istess pompi tal-petrol.

Christopher Pace u Matthew Catania kien l-ewwel imputat illi ghamel ammissjoni piena fi stadju pjuttost bikri tal-proceduri u cioe fit-18 ta' April 2007. Ghal kuntrarju, Richard Edwards irregistra l-ammissjoni tieghu fi stadju finali tal-proceduri. It-tlett imputati fil-mori tal-kawza hallsu somom ta' flus konsiderevoli biex ipattu u jikkumpensaw ghas-sensiela ta' serq illi huma wettqu matul dawn ix-xaharejn.

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Christopher Pace hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 18, 28A, 28G, 41(1)(a), 49, 50, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279, 280, 281, 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkudanna lill-imputat Christopher Pace ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin.

In oltre’, l-Qorti tqieghed lil-imputat Christopher Pace taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta’ tlett (3) snin taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Matthew Catania hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 18, 28A, 28G, 41(1)(a), 49, 50, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279, 280, 281, 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkudanna lill-imputat Matthew Catania ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin.

In oltre’, l-Qorti tqieghed lil-imputat Matthew Catania taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta’ tlett (3) snin taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Richard Edwards hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 18, 28A sa 28H, 41(1)(a), 49, 50, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279, 280, 281, 289, 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkudanna lill-imputat Richard Edwards ghal tlett (3) snin prigunerija ghal akkuzi kollha dedotti kontra tieghu ghajr l-akkuza penultima ta’ Richard Edwards wahdu u cioe dik illi tikkoncerna sentenza sospiza. Fil-konfront ta’ din is-sentenza, u cioe il-ksur ta’ din is-sentenza sospiza deciza fis-26 ta’ Marzu 2006, li biha gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin, din il-Qorti qed tirrendi l-istess sentenza operattiva u tikkundanna lill-imputat Richard Edwards iservi sentejn prigunerija ohra u cioe total ta’ hames (5) snin prigunerija.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni d-differenza fil-fedini penali ta’ l-imputati, l-istadju bikri ta’ l-ammissjoni fil-kaz ta’ l-imputati Christopher Pace u Matthew Catania ghad-differenza ta’ Richard Edwards, il-fatt illi t-tlett imputati raddu lura dak kollu illi serqu u kkompensaw ghal hsarat illi wettqu u l-fatt ewlieni illi Richard Edwards kien il-mohh wara is-sensiela

ta’ dawn is-serqiet u dan gie ammess biss wara li sarlu interrogatorju instensiv fuq il-pedana tax-xhieda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------